# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 37**

**Avviz numru 25/97/SM**

**Joseph Scicluna**

**vs**

**Joseph Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat d-9 ta' Jannar ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (LM450) rapprezentanti sitt (6) xhur kera ghall-fond numru 3, "Lido Flats", Main Street, San Pawl il-Bahar, liema fond kien gie lilhu mikri mill-attur, u sabiex tirrestitwixxi lill-attur**

**tlett (3) tapiti illi kien hemm fl-imsemmi fond lilhu mikri u li hu ha abbuzivament u illegalment liema tapiti ghandhom valur ta' tlett mitt lira Maltija (LM300);**

2. **Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Frar ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba ta' l-attur ghall-hlas ta' kera ghall-fond numru 3, "Lido Flats", Main Street, San Pawl il-Bahar hija preskritta b'dik kwinkwennali a tenur ta' l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili;**

2. **Illi t-talba ta' l-attur ghar-restituzzjoni ta' tliet tapiti li l-attur qed jallega li kienu fl-istess fond hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili, cioe' dik ta' tmintax-il xahar;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-avviz meritu ta' din il-kawza hu ippernjat mill-istess attur fuq is-segwenti meritu:**

a. **Il-fond numru 3, "Lido Flats", Main Street, San Pawl il-Bahar;**

b. **Tlett ti twapet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi a bazi tax-xhieda pprezentata quddiem il-Magistrat Supplenti ll-istess attur iddepona fuq fond kompletament differenti (ara fol 37, 48 u 51);**

**Illi dan hu wkoll konfortat mill-kuntratt appozitu bejn il-partijiet li jidher a fol 55;**

**Illi jidher li t-tapiti riferiti fl-istess avviz kienu wkoll fil-fond indikat fl-istess kuntratt;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ma indirizzax il-procedura fil-konfront tal-meritu minnu ndikat fl-avviz minnhu redatt u konsegwentement tichad it-talbiet tieghu bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**